# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 16 ta' Novembru, 2023**

**Numru 3**

**Rikors Numru 218/22TA**

**Joseph Mifsud (K.I. 428642M)**

**vs**

**(1) L-Avukat Ġenerali; u**
**(2) Il-Kummissarju tal-Pulizija; u**
**(3) Ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali u b'digriet tat-28 ta' Frar, 2023 ġie kjamat fil-kawża l-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Joseph Mifsud (ir-rikorrent) tal-5 ta' Mejju 2022 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

"**PRELIMINARI**

1. Ir-rikorrenti tressaq imputat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja nhar it-**13 ta' Lulju 2006**, fejn flimkien ma' żewg ko-imptutati. Finalment, **nhar l-1 ta' Settembru ta' 2020,** il-każ tar-

rikorrenti kien deċiż *res judicata* bil-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imħallef Conseulo Scerri Herrera, li r-rikorrenti ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu.

## L-ITER tal-PROĊEDURI KRIMINALI

2. Din il-kawża si tratta ta reati li allegatament seħħew fis-sena 2001 u fis-snin ta' qabel.

3. L-imputati ġew notifikati bl-imputazzjonijiet fis-26 ta' Mejju 2006.

4. L-ewwel seduta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja seħħet fit-13 ta' Lulju 2006 fejn inqraw l-akkużi.

5. Nhar il-5 ta' Diċembru, 2012, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali iddikjarat proċediment eżawrit fil-konfront tal-akkużi kollha miġjuba kontra Joseph Mifsud ħlief fil-konfront ta' dawk l-akkużi li jikkonċernaw is-sejba ta' deheb fid-dar ta' residenza tiegħu. L-istess Qorti kienet iddikjarat proċediment eżawrit fil-konfront tal-imputati Omissis u Omissis 1.

6. Rigward l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Joseph Mifsud waħdu u ċioe dawk li jirrigwardaw l-oġġetti tad-deheb u pawning tickets li nstabu fir-residenza tiegħu, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali preseduta mill-Maġistrat Dr Frendo Dimech, tat is-sentenza tagħha fl-14 ta' Jannar 2019 fejn l-imputat ġie liberat minn kwalunkwe ħtija u piena.

7. Dakinhar stess tas-sentenza u ċioè fl-erbatax (14) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019), il-Kummissarju tal-Pulizija intavola nota sabiex l-atti proċesswali jintbatu għand l-Avukat Ġenerali *ai* fini ta' appell.

8. L-għada l-ħmistax (15) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019), l-Avukat Ġenerali rċieva l-atti tal-kawża għadda sabiex appella mis-sentenza msemmija stante li skond huwa l-ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi li ssarfet fl-applikazzjoni żbaljata tal-liġi.

9. Nhar l-1 ta' Settembru 2020, il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet l-appell u kkonfermat s-sentenza ta' liberazzjoni appellata datata l-14 ta' Jannar 2019. Għalhekk ir-rikorrenti issa kellu l-kaz tiegħu deċiz *res judicata* u huwa kkonfermat mhux ħati.

10. Huwa mportanti li jissemma kif, wara li l-proċeduri fil-konfront ta' ko-imputati ġew eżawriti, *ċioe* fis-sena 2012 mill-Qorti tal-Maġistrati per Maġistrat Dr Carol Peralta, l-Avukat Ġenerali kien appella mis-

sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u li matul it-trapass kollu ta' zmien li l-appell kontra l-ko-imputati ħa sabiex nstema u ġie deċiż, ir-rikorrenti baqa' jiġi notifikat kull darba sabiex jattendi għal dak l-appell minkejja li l-proċeduri fil-konfront tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kienu għadhom *sub-judice*.

11. Minħabba dan in-nuqqas serju da parti tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali il-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrenti baqu' mwaħħla mingħajr ebda progress.

12. **Għalhekk il-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrenti Joseph Mifsud damu total ta' erbgħatax-il sena (14) , tlett (3) xhur u sitt (6) ijiem;**

**<u>Dwar Punt ta' Dritt in konnessjoni ma dan l-Ilment Kostituzzjonali</u>**

13. Il-lanjanza da parti tar-rikorrenti tippernja *inter alia* fuq l-**Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** li jipprovdi li meta l-akkużat jiġi mixli b'reat kriminali, u fejn l-akkuża ma tiġix irtirata, huwa għandu l-jedd li jingħata smiegħ xieraq, f'għeluq żmien raġonevoli minn Qorti indipendenti u mparzjali mwaqqfa mill-liġi. Fuq l-istess linja, l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta jesiġi illi:

*" (1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu* ***<u>jew ta'xi akkuża kriminali kontra tiegħu</u>****,* ***<u>kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku</u>*** ***<u>fi żmien raġonevoli</u>*** *minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi..."*

14. Jirriżulta li dawn il-jeddijiet tar-rikorrenti ma ġewx imħarsa, u għal dan il-ksur jaħtu l-imħarrkin.

15. Prinċipalment u kif konstatat anke mill-ġurisprudenza nostrana, kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-għan tal-jedd ta' smiegħ xieraq fiż-żmien raġonevoli, huwa ntiż sabiex l-akkużat ma jibqax imdendel taħt kapi t'akkużi għal żmien twil indefinit (Wemhoff v. Germany (1968); Kart v. Turkey (2009)).

16. It-terminu legali *"taż-żmien raġonevoli"* kif maħsub fil-liġijiet fundamentali tal-bniedem, jinkombi fuq l-Istat li jittratta l-proċeduri ġudizzjarji nklużi dawk kriminali b'mod spedjenti (Boddaert v. Belgium (1992)). Dan jimponi obbligazzjoni pożittiva fuq l-Istat, li minn naħa tiegħu għandu jassigura li l-mekkaniżmu ġudizzjarju jaħdem bil-galbu, pero li jwassal għal ħaqq fi żmien xieraq.

17. L-obbligazzjoni t'effiċjenza ġudizzjarja taqa' fuq l-ispalla tal-Istat li għandu għalhekk jistabbilixxi proċeduri u mekkaniżmi li jiżguraw li l-proċeduri ġudizzjarji jitwettqu u jitmexxew b'effiċjenza, dejjem fiż-

żmien raġonevoli - hu kemm hu ż-żmien, pero, basta li jkun raġonevoli; dan naturalment dejjem u skond iċ-ċirkustanzi tal-każ (Richard Anderson v. United Kingdom (2010)).

18. B'daqstant għandu jkun l-Istat li jirrispondi għal dewmien meta dan ma jkunx raġunat (Bhandari v. The United Kingdom (2007)), u dan senjatament meta l-Istat jonqos milli jadotta miżuri li jassiguraw effiċjenza fi proċeduri ġudizzjari.

19. L-fatturi li għandhom jiġu mgħarbla fl-assjem tagħhom f'kawżi bħal dawn huma:

    a. L-Kumplessita' tal-każ;
    b. L-aġir tal-partijiet fil-kawża u,
    c. L-aġir tal-awtoritajiet relevanti fil-każ – f'dan il-każ l-aġir t'awtorita' ġudizzjarja (Pelissier and Sassi v. France (1999) *inter alia*).

20. **Dwar il-kumplessita' ta' dan il-każ jingħad li ma kien hemm xejn kumpless**. Huwa minnu li dan il-każ kien idur ma allegazzjonijiet serjissimi, pero ma jidher li ma kien hemm l-ebda kumplikazzjonijiet sabiex il-pulizija tagħlaq, tiġbor u tissottometti l-provi tagħha; dan jirriżulta ċar kristall mill-atti nnifishom. **Madanakollu, minħabba dan it-tkaxkir tas-saqajn, ir-rikorrenti dam imdendel b'akkużi għal 'l fuq minn 13-il sena** (*ċioe* mid-data tal-ewwel seduta 13 ta' Lulju 2006 sa datata tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) tal-14 ta' Jannar 2019. Il-Qrati tagħna, u anke l-prosekuzzjoni/pulizija jew l-Avukat Ġenerali jħabbtu wiċċhom ma ħafna kwistjonijiet agħar mill-każ odjern. Pero' dan il-każ dam jitkaxkar għal snin twal. Issa **dwar l-imġieba tar-rikorrenti, jidher li dan dejjem kważi attenda is-seduti kollha mingħajr problemi ta xejn**, apparti dik id-darba fejn ma attendiex għaliex ma kienx notifikat[1]. Anke f'dik id-darba, kien deher l-avukat tar-rikorrenti.

21. **Mhux l-istess jista' jingħad fuq l-imġieba tal-prosekuzzjoni u tal-intimat Avukat Ġenerali – differiment fuq differiment li fihom ma sar xejn. Għal diversi drabi il-prosekuzzjoni kienet indisposta – infatti f'diversi okkażżjonijiet l-prosekuzzjoni ġiet mitluba tagħti spjega għall-assenza tagħhom**; riferti ma ħarġux jew tħarrek xhud wieħed biss. Sabiex tkompli iżżid melħ fuq il-ferita, l-Avukat Ġenerali intavola appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) tal-14 ta' Jannar 2019 (mmarkata bħala Dok. **JM1)** fejn kienet illiberat mill-ħtija kif ukoll mill-piena lir-rikorrenti. L-istess Appell ġie miċħud mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar 1 ta' Settembru 2020 (mmarkata bħala Dok. **JM2).**

[1] A Fol. 1066 (Seduta tad-29 t'Ottubru 2018), mill-proċeduri Nru. 491/2006

22. L-Aġir tal-Prosekuzzjoni joħroġ mis-segwenti:

**Qorti tal-Maġistrati**

- Fis-seduta tal-10 t'Ottubru 2006 riferti ma ħarġux bi svista;
- Fis-seduta ta' 16 ta Novembru 2006 is-Supt. Carmelo Bartolo kien indispost u l-kawża ġiet differita;
- Fis-seduta ta' 21 ta' Diċembru 2006 ma deher ħadd;
- Fis-seduta tal-21 ta' Ġunju 2007, is-Supt. Carmelo Bartolo kien indispost u l- kawża ġiet differita;[2]
- Fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2007 il-Maġistrat kien indispost u għalhekk il-kawża ġiet differita;[3]
- Fis-seduta tal-16 ta' Awwissu 2007 is-Supt. Carmelo Bartolo kien indispost u l-kawża ġiet differita;[4]
- Fis-seduta ta' 17 ta' Settembru 2007 is-Supt. Carmelo Bartolo maqbud fuq xogħol ieħor u l-kawża ġiet differita;[5]
- Fis-seduta ta' 2 ta' Ġunju 2008 is-Supt. Carmelo Bartolo indispost u għalhekk il- kawża ġiet differita;[6]

- Fis-seduta tal-10 t' Ottubru 2008, ix-xhud tal-prosekuzzjoni ma setgħax jidher għaliex kien qiegħed seminar. Prosekuzzjoni kien fadlilha iktar xhieda;[7]
- Fis-seduta tat-12 ta' Diċembru 2008, ix-xhud tal-prosekuzzjoni (uffiċjal ta' Central Bank) ġie msejjaħ fl-laqgħa mal-gvernatur tal-bank centrali u dan ma setgħax jattendi. Mill-banda l-oħra, Martin Bajjada (bħala espert tal-Qorti) ġie msejjaħ fuq inkjesta dwar omiċidju;[8]

- Fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2009 is-Supt. Carmelo Bartolo ma deherx, il-Qorti ordnat li s-Supretendent Bartolo jippresenta nota spjegattiva fi żmien erbgħa u għoxrin (24) siegħa sabiex jagħti spjegazzjoni għall-assenza tiegħu;[9]

- Fis-seduta tas-7 ta' April 2009, l-espert tal-Qorti, Martin Bajada ġie skużat mill-Qorti stess sabiex jattendi seminar. Il-kawża tħalliet għall-aħħar xhieda tal-prosekuzzjoni għal 21 t'April 2009;[10]

---

[2] Ibid., Fol. 564
[3] Ibid., Fol. 565
[4] Ibid., Fol. 568
[5] Ibid., Fol. 571
[6] Ibid., Fol. 667
[7] Ibid., Fol. 693
[8] Ibid., Fol. 713
[9] Ibid., Fol. 716
[10] Ibid., Fol. 722

- Fis-seduta tal-21 t'April 2009 il-Prosekutur kien informa lil Qorti li kien fadalu xi xhieda u provi oħra;[11]

- Fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2009 xehed xhud wieħed biss u l-Qorti ħalliet l-kawża għall-aħħar provi tal-prosekuzzjoni;[12]
- Fis-seduta tas-6 t' Awwissu 2009, l-uffiċjal Prosekutur ma setgħax jattendi fuq ordni tal-Kummissarju tal-Pulizja;[13]

- Fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2009 is-Supt. Carmelo Bartolo ma deherx;[14]

- Fis-seduta ta' 16 ta' Novembru 2009, l-unika xhud li kien fadal tal-prosekuzzjoni kien Martin Bajada pero kien impenjat f'ġuri;[15]

- Fis-seduta tal-1 ta' Diċembru 2009 l-espert Martin Bajada kien għadu ma espletax l-inkarigu tiegħu;[16]

- Fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2010 il-Qorti innutat li Supt. Carmelo Bartolo ma dehrx u ma tal-ebda spjegazzjoni għall-assenza tiegħu u ordnat li fi żmien erbgħa u għoxrin (24) siegħa jippreżenta nota spjegattiva għal dan in-nuqqas;[17]

- Fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2010 xehed Martin Bajada u l-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha;[18]

- Fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2011 il-Qorti ġiet infurmata li l-iSpettur jinsab okkupat fuq xogħol ieħor. Il-Qorti tordna li l-uffiċjal prosekutur itella bħala xhieda lil Anthony Imbroll u Martin Bajada;[19]

- Fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2013 - Kawża differita peress li l-prosekuzzjoni hija impenjata b'xogħol ieħor;[20]

---

[11] Ibid., Fol. 725
[12] Ibid., Fol. 749
[13] Ibid., Fol. 761
[14] Ibid., Fol. 762
[15] Ibid., Fol. 765
[16] Ibid., Fol. 766
[17] Ibid., Fol. 767
[18] Ibid., Fol. 770
[19] Ibid., Fol. 877
[20] Ibid., Fol. 1025

- Fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2016 il-Prosekuzzjoni talbet differiment peress li qed tistenna' kawża mertu ta' din il-kawża minn eżitu ta' Appell;[21]

- Fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2017 il-Prosekuzzjoni talbet differiment peress li qed tistenna' kawża mertu ta' din il-kawża minn eżitu ta' Appell;[22]

- Fis-seduta tal-10 ta' April 2017, il-Qorti ħadet konjizzjoni tar-rikors preżentat mill-prosekuzzjoni u kawża differita;[23]

- Fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2017, il-Qorti ħadet konjizzjoni tar-rikors preżentat mill-prosekuzzjoni u l-kawża ġiet differita;[24]

- Fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2018 l-imputat ma kienx notifikat pero deher l-avukat tar-rikorrenti;[25]

**<u>Qorti tal-Appell Kriminali</u>**

- Appell tal-Avukat Ġenerali mis-sentenza ta' nhar l-14 ta' Jannar 2019 tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

- Fis-seduta tal-4 ta' Ġunju 2019, l-Avukat Ġenerali talab għall-differiment;[26]

- Fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2020 l-Avukat Ġenerali talab differiment sabiex jirregola ruhu;[27]

23. Ser jirriżulta fl-andament ta' dawn il-proċeduri li l-atti proċesswali ta' din il-kawża kriminali, huma mifnija b'leżjonijiet tad-drittijiet tar-rikorrenti kif dedotti f'dan ir-rikors, li essenzjalment huma dawk id-drittijiet li jħarsu u jipprovdu għall-ħarsien ta' smiegħ xieraq, fiż-żmien raġonevoli.

24. Ser jirriżulta wkoll li f'dawn il-proċeduri kriminali l-ebda mekkaniżmu t'effiċjenza ma' ġie addottat minn naħa tal-pulizija u/jew l-intimat Avukat Ġenerali sabiex ir-rikorrenti tiġi trattata fi żmien li jista' jitqies bħala xieraq. Minħabba dan id-dewmien esaġerat, ir-rikorrenti

[21] Ibid., Fol. 1029
[22] Ibid., Fol. 1033
[23] Ibid., Fol. 1035
[24] Ibid., Fol. 1037
[25] Ibid., Fol. 1066
[26] Ibid., Fol. 1108
[27] Ibid., Fol. 1129

baqgħa imdendel **għal 'l fuq minn 14-il sena sħaħ**, **b'akkużi sejrissimi li kienu jġorru magħhom massimu ta' disa` snin priġunerija.**

25. Kif diġa ġie sottomess, minħabba nuqqas tar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali, r-rikorrenti sofra minn iktar dewmien meta l-proċeduri fil-konfront tiegħu ma setgħux jitkomplew peress li kien qiegħed jiġi notifikat bl-appell tal-ko-imputati, meta fir-realta' dan qatt ma kellu jseħħ stante li l-proċeduri fil-konfront tar-rikorrenti kienu għadhom mhumiex eżawriti. In fatti, li kieku ma kienitx għad-direzzjoni tal-Imħallef David Scicluna fil-Qorti tal-Appell Kriminali, ir-rikorrenti kien jibqa jiġi notifikat bl-appell, u l-proċeduri fil-konfront tiegħu kienu jibqgħu staġġnati.

26. Dan l-aġir tar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali, fejn naqas serjament milli jidentifika u jieħu l-passi neċessarji sabiex titrranġa din is-sitwazzjoni kompla jżied fid-dewmien irraġonevoli li sofra minnhom r-rikorrenti.

**<u>TALBA</u>**

**Jgħidu għalhekk l-intimati, 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċessarja u opportuna:**

i. Tiddikjara li l-proċedimenti penali fil-konfront tar-rikorrenti ma twettqux fiż-żmien raġonevoli kif sanċit fl-Artikoli 6(1) u 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) rispettivament, dan b'riżultat tal-aġir tal-intimati u/jew min minnhom;

ii. Tiddikjara li r-rikorrenti sofra leżjoni tal-jeddijiet tiegħu kif sanċiti fl-Artikoli 6(1) u 39(1) tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea rispettivament, dan b'riżultat tal-aġir tal-intimati u/jew min minnhom;

iii. Tillikwida kumpens xieraq għad-danni mġarrba mir-rikorrenti, u tillikwida ukoll kwalunkwe danni reali hekk imġarrba minn l-istess rikorrenti;

iv. Tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu tali kumpens u/jew danni hekk likwidat/i, lir-rikorrenti;

v. Tagħmel u tagħti dawk l-ordnijiet u jew direttivi li tqis xierqa u twettaq u tiżgura rimedju effettiv għall-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali sofferti mir-rikorrenti.

Bl-ispejjeż."

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija (l-intimati Awtoritajiet) tal-25 ta' Mejju 2022 li permezz tagħha wieġbu s-segwenti:

> "Illi fir-rikors promotur ir-rikorrent qieghed jallega li garrab lezjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni minhabba dewmien irragjonevoli fil-proceduri kriminali li gew istitwiti kontrih.
>
> 1. Illi esponenti jirrespingi l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt;
>
> 2. Illi l-esponenti intimati jecepixxu illi t-talbiet numri 3, 4 u 5 ma jistghux jintlaqghu fil-konfront taghhom *stante* illi ghalkemm ghandhom legittimita passiva fil-proceduri odjerni minhabba l-agir taghhom, f'proceduri ta' din ix-xorta l-intimati m'humiex legittimi kontraditturi fir-rigward ta' xi kumpens likwidat minhabba dewmien tal-Istat jew xi nuqqasijiet tar-Registratur tal-Qrati Kriminali;
>
> 3. Illi huwa pacifiku kif konstatat anke mill-gurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smiegh ta' process eccediex il-parametri tas-smiegh fi zmien ragjonevoli huma l-komplessita' tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza u l-agir ta' l-awtorita' jew awtoritajiet relevanti – f'dan il-kaz l-agir ta' awtorita' gudizzjarja. Ghalhekk, skond il-gurisprudenza assodata kemm nostrali kif ukoll dik Ewropeja, sabiex Qorti tasal ghal konkluzjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli, il-procedura gudizzjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun ezaminata fl-assjem taghha u ma jistax ikun ezaminat biss element jew parti wahda minn din il-procedura;
>
> 4. Illi ghalkemm m`hemmx dubju li l-kawza kriminali in kwistjoni hadet certu zmien biex giet konkluza, dan kien gustifikat minhabba l-komplessita` tal-kaz u d-diffikultajiet li qamu fil-gbir tal-provi kif ukoll minhabba l-agir tar-rikorrent u tar-rapprezentant legali tieghu stess;
>
> 5. Ma jidhirx li kien hemm xi nuqqas lampanti mill-partijiet involuti li wassal ghal dewmien biex il-kawza tinstema fi zmien ragjonevoli u wisq inqas ma` kien hemm nuqqas mill-esponent jew tal-Qorti li semghet il-kawza. Ukoll is-sentenzi inghataw fi zmien ragjonevoli;
>
> 6. Illi l-esponent jirrileva dak illi intqal fir-rikors promotur ma jaghti stampa kompluta tal-proceduri quddiem il-Qrati ta' Gurisdizzjoni kriminali. Illi komplessivament bejn il-Qorti tal-Ewwel istanza u dik tat-

tieni istanza kien hemm madwar 75 seduta fejn minn ta l-anqas 50 mis-seduta ttelghu provi mill-partijiet, 10 mis-seduti intuzaw ghal skopijiet ta stradar tal-kawza u 5 seduti ghal skop ta tratazzjonijiet tal-partijiet. Ghandu jigi rilevat li kemm il-prosekuzzjoni u d-difiza xi drabi talbu differiment minhabba cirkostanzi straordinarji. Jinghad ukoll illi d-difiza qajmet eccezzjonijiet legali *in extremis* li ukoll tawlu l-proceduri kriminali;

Illi jigi rilevat illi proceduri kriminali kienu fil-konfront tat-tlett imputati u mhux fil-konfront tar-rikorrent biss. Kif diga intqal u kif ser jirrizulta mill-allegazzjoni tal-process kriminali, is-sentenzi inghataw fi zmien verament ragonevoli.

Illi fir-rigward tad-dritt ta’ Appell tal-esponent Avukat Generali, id-dritt t’appell jigi ezercitat mill-partijiet minghajr ebda indhil dwar jekk l-parti ghandiex ragun tappella o meno. Il-Qrati ma allokaw ebda *doppie spese* u ghalhekk ma jistax jinghad illi l-appell kien frivolu u vessatorju. Anzi il-Qorti tista tanalizza mis-sentenza tal-Qorti Kriminali illi l-imputati ma nstabux hatja minhabba illi l-ammissjonijiet li kienu saru minghajr l-assistenza ta avukat gew meqjusa bhala inammissibli fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti Ewropjea tas-sena 2011-2012. Il-Qorti rrimarkat li l-prosekuzzjoni strahet fuq din l-ammissjoni sabiex ma ttawalx il-proceduri. Illi allura altru milli kien hemm dewmien esagerat min-nahha tal-esponenti;

7. Illi hu accettat illi ma hemm l-ebda ‘*time limit’* li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proceduri quddiemha ghax altrimenti l-interessi tal-gudizzja jigu pregudikati minhabba ghaggla zejda u inkonsulta;

8. Illi jrid jigi ppruvat illi mhux biss il-kaz dam pendenti izda li tali dewmien huwa wiehed kapriccuz u ntiz biex jizvantaggah fit-tgawdija tad-drittijiet tieghu skond il-Ligi;

9. Illi finalment sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm dewmien irraġjonevoli, kull każ irid jiġi studjat fuq il-mertu tiegħu u fil-kumplessivita’ tieghu u fil-kaz odjern l-esponenti jeccepixxu li mill-assjem tal-proceduri kriminali in dezamina ghalkemm il-kaz dam numru ta’ snin sakemm gie deciz, ma kienx hemm dewmien irragjonevoli ghaliex dan id-dewmien kien gustifikat.

10. Illi minghajr ebda pregudizzju ghall-premess u ghall-gieh tal-argument biss, jekk dina l-Onorabbli Qorti ssib li verament kien xi dewmien irragjonevoli u allura tqis li ghandha taghti xi forma ta` rimedju lir-rikorrent, dan ir-rimedju ghandu jkun biss ta` kumpens bhala danni morali u mhux ta` danni materjali.

Ghalhekk u fid-dawl tas-suespost l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez."

Rat ir-risposta tar-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali (l-intimat Reġistratur) tat-13 ta' Ġunju 2022 li biha wieġeb is-segwenti:

"1. Illi *in linea* preliminari jiġi eċċepit illi l-eċċipjenti Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali m'huwiex il-leġittimu kontradittur għal-lanjanzi attriċi. Għalhekk l-esponenti għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti;

1. Illi fir-rikors tiegħu r-rikorrent jindika fatturi li għandhom jiġu mgħarbla sabiex jiġi identifikat jekk id-dewmien hux ġustifikat jew le u jsemmi tlett fatturi:

   a) il-kumplessita' tal-każ

   b) l-aġir tal-partijiet fil-kawża u

   c) l-aġir tal-awtoritajiet rilevanti fil-każ – f'dan il-każ l-aġir tal-awtoritajiet ġudizzjarji.

2. Illi għaldaqstant jidher li r-rikorrenti qed jattribwixxi l-ilmenti tiegħu għall-ġudikant li kien qed jippresjedi dawn il-proċeduri u għall-prosekuzzjoni li kif elenkat mir-rikorrenti stess talbet diversi differimenti u għal dan l-allegat nuqqas żgur li ma jistax iwieġeb jew jiġi tenut responsabbli l-esponenti.

3. Illi ssir riferenza għall-kawża fl-ismijiet **Carmelo sive Charles Delia et vs Reġistratur tal-Qrati et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' April 1990, fejn dwar il-posizzjoni tar-Reġistratur u tad-Direttur tal-Qrati speċifikatament intqal li r-Reġistratur tal-Qrati m'għandux ir-rappreżentanza tal-Qrati u hu mhux persuna leġittima biex joqgħod f'kawża fejn jiġi allegat li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ġew vjolati bi proċeduri pendenti quddiem il-Qorti.

4. Illi in oltre l-esponenti jagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **George Xuereb vs Reġistratur tal-Qrati et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Novembru, 2004 fejn intqal:

   '*Hu ben saput li l-Gudikatura hija organu indipendenti mill-Ezekuttiv u ma taqa' taht l-ebda dipartiment governattiv, u hu f'dan is-sens mela li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorrent*

*huwa attribwibbli ghall-operat tal-Qorti, li hu biss inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux ukoll mill-operat tal-Gudikant, ma jistax hawn hekk ikun legittimu kontradittur*'.

5. Illi l-esponenti ma kellu ebda kontroll fuq il-proċeduri partikolari u lanqas ma kienu involut fil-materja u għalhekk zgur li l-ilmenti tar-rikorrent mhux tort tal-esponent li la kien parti fil-proċeduri u lanqas edott minn nuqqasijiet jew problemi li setgħu inqalgħu matul il-proċeduri u għaldaqstant id-dewmien lamentat mir-rikorrenti żgur li mhux tort tal-esponenti.

6. Illi huwa risaput li l-Ġudikatura hija organu indipendenti mill-Eżekuttiv u ma' taqa taħt l-ebda dipartiment governattiv u għalhekk anke minn dan il-lat it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

7. Illi f'dan il-kuntest l-esponenti jagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali Fgura** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Ottubru, 2005 fejn ġie ritenut:-

> '*Kwantu ghall-appellat Registratur, Qrati Civili u Tribunali ma jidhirx li jista' jkun hemm l-icken dubbju li dan ma hux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza. Ir-Registratur ma jirraprezentax lill-Qrati li l-operat taghhom gie attakkat bir-rikors promotrju – anzi, bil-kontra, <u>huwa jiehu l-ordnijiet minghadhom skond il-ligi</u> – u hu ma hux f'posizzjoni li jaghti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x'ticcensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati*.'

8. Salvi, jekk ikun il-każ, eċċezzjonijiet ossia risposti ulterjuri.

Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad *in toto* t-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti."

Rat ir-risposta tal-kjamat fil-proċeduri Avukat tal-Istat (l-intimat Avukat) tal-1 ta' Marzu 2023 li biha wieġeb is-segwenti:

"Illi fir-rikors promotur ir-rikorrent qieghed jallega li garrab lezjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni minhabba dewmien irragjonevoli fil-proceduri kriminali li gew istitwiti kontrih.

1. Illi esponenti jirrespingi l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi huwa pacifiku kif konstatat anke mill-gurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smiegh ta' process eccediex il-parametri tas-smiegh fi zmien ragjonevoli huma l-komplessita' tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza u l-agir ta' l-awtorita' jew awtoritajiet relevanti – f'dan il-kaz l-agir ta' awtorita' gudizzjarja. Ghalhekk, skond il-gurisprudenza assodata kemm nostrali kif ukoll dik Ewropeja, sabiex Qorti tasal ghal konkluzjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli, il-procedura gudizzjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun ezaminata fl-assjem taghha u ma jistax ikun ezaminat biss element jew parti wahda minn din il-procedura;

3. Illi ghalkemm m`hemmx dubju li l-kawza kriminali in kwistjoni hadet certu zmien biex giet konkluza, dan kien gustifikat minhabba l-komplessita` tal-kaz u d-diffikultajiet li qamu fil-gbir tal-provi kif ukoll minhabba l-agir tar-rikorrent u tar-rapprezentant legali tieghu stess;

4. Ma jidhirx li kien hemm xi nuqqas lampanti mill-partijiet involuti li wassal ghal dewmien biex il-kawza tinstema fi zmien ragjonevoli u wisq inqas ma` kien hemm nuqqas mill-esponent jew tal-Qorti li semghet il-kawza. Ukoll is-sentenzi inghataw fi zmien ragjonevoli;

5. Illi l-esponent jirrileva dak illi intqal fir-rikors promotur ma jaghti stampa kompluta tal-proceduri quddiem il-Qrati ta' Gurisdizzjoni kriminali. Illi komplessivament bejn il-Qorti tal-Ewwel istanza u dik tat-tieni istanza kien hemm madwar 75 seduta fejn minn ta l-anqas 50 mis-seduta ttelghu provi mill-partijiet, 10 mis-seduti intuzaw ghal skopijiet ta stradar tal-kawza u 5 seduti ghal skop ta tratazzjonijiet tal-partijiet. Ghandu jigi rilevat li kemm il-prosekuzzjoni u d-difiza xi drabi talbu differiment minhabba cirkostanzi straordinarji. Jinghad ukoll illi d-difiza qajmet eccezzjonijiet legali *in extremis* li ukoll tawlu l-proceduri kriminali;

Illi jigi rilevat illi proceduri kriminali kienu fil-konfront tat-tlett imputati u mhux fil-konfront tar-rikorrent biss. Kif diga intqal u kif ser jirrizulta mill-allegazzjoni tal-process kriminali, is-sentenzi inghataw fi zmien verament ragonevoli.

Illi fir-rigward tad-dritt ta' Appell tal-esponent Avukat Generali, id-dritt t'appell jigi ezercitat mill-partijiet minghajr ebda indhil dwar jekk l-parti ghandiex ragun tappella o meno. Il-Qrati ma allokaw ebda *doppie spese* u ghalhekk ma jistax jinghad illi l-appell kien frivolu u vessatorju. Anzi il-Qorti tista tanalizza mis-sentenza tal-Qorti Kriminali illi l-imputati ma nstabux hatja minhabba illi l-ammissjonijiet li kienu saru minghajr l-assistenza ta avukat gew meqjusa bhala inammissibli fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti Ewropjea tas-sena 2011-2012. Il-Qorti rrimarkat li l-prosekuzzjoni strahet

fuq din l-ammissjoni sabiex ma ttawalx il-proceduri. Illi allura altru milli kien hemm dewmien esagerat min-nahha tal-esponenti;

6. Illi hu accettat illi ma hemm l-ebda '*time limit'* li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proceduri quddiemha ghax altrimenti l-interessi tal-gudizzja jigu pregudikati minhabba ghaggla zejda u inkonsulta;

7. Illi jrid jigi ppruvat illi mhux biss il-kaz dam pendenti izda li tali dewmien huwa wiehed kapriccuz u ntiz biex jizvantaggah fit-tgawdija tad-drittijiet tieghu skond il-Ligi;

8. Illi finalment sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm dewmien irraġjonevoli, kull każ irid jiġi studjat fuq il-mertu tiegħu u fil-kumplessivita' tieghu u fil-kaz odjern l-esponenti jeccepixxu li mill-assjem tal-proceduri kriminali in dezamina ghalkemm il-kaz dam numru ta' snin sakemm gie deciz, ma kienx hemm dewmien irragjonevoli ghaliex dan id-dewmien kien gustifikat.

9. Illi minghajr ebda pregudizzju ghall-premess u ghall-gieh tal-argument biss, jekk dina l-Onorabbli Qorti ssib li verament kien xi dewmien irragjonevoli u allura tqis li ghandha taghti xi forma ta` rimedju lir-rikorrent, dan ir-rimedju ghandu jkun biss ta` kumpens bhala danni morali u mhux ta` danni materjali.

Ghalhekk u fid-dawl tas-suespost l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-proċedura.

Qrat u semgħet ix-xhieda imressqa fil-perkors ta' din il-proċedura.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Ir-rikorrent kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħal Qorti Struttorja fit-13 ta' Lulju 2006. Miegħu ġew akkużati żewġ persuni

oħra. Il-proċeduri fil-konfront tar-rikorrent spiċċaw definittivament billi inħeles minn kull piena u imputazzjoni permezz ta' Sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-1 ta' Settembru 2020.

**2.** Jidher li l-akkużi kienu relatati ma' fatti li seħħew fl-2001 u fis-snin ta' qabel. (Ara a' fol I tal-proċess Kriminali li ġie allegat ma dawn il-proċeduri). Pero' r-rikorrent flimkien mal-ko-imputati l-oħra ġew notifikati l-ewwel darba fl-1 ta' Settembru 2006 meta -rikorrent kien ilu tlett snin li ħareġ bil-penzjoni (Ara affidavit tar-rikorrent a' fol 26 u 27). L-ewwel seduta nżammet fit-13 ta' Lulju 2006.

**3.** Ftit aktar minn sitt snin wara, u preċiżament fis-seduta tal-5 ta' Diċembru 2012, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali iddikjarat il-proċediment eżawrit fil-konfront tal-imputati kollha ħlief għal dawk l-akkużi li kienu jirrigwardaw lir-rikorrent dwar deheb li instab fir-residenza tiegħu. Il-proċeduri fil-konfront tar-rikorrent ħadu sal-1 ta' Settembru 2020 meta b'Sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ġie illiberat mill-uniku akkuża li fadal kontra tiegħu.

**4.** Sakemm kienu ilhom pendenti dawn il-proċeduri, ir-rikorrent kellu il-penzjoni tiegħu dimezzata mill-2003 u kellu jgħajjex lill-familja tiegħu fuq dan l-entrojtu. Għalhekk qiegħed jagħmel dawn il-proċeduri għal dewmien irraġjonevoli bi ksur tad-drittijiet tiegħu kif imħarsa minn artikolu 39(1) u 6(1) tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament.

## Punti ta' Liġi

**5.** Skont l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea "*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu ..., kulħadd huwa ntitolat għal smiegħ ... <u>fi żmien raġonevoli</u> ...*". L-istess jistipula l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni li "*Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq <u>żmien raġonevoli</u>.*" (Emfażi tal-Qorti).

**6.** Is-Sentenzi tal-Qorti Ewropeja huma kopjużi u ħafna drabi b'preferenza għall-Kawżi Ċivili li pero' il-prinċipji ennunċjati fihom huma similment applikabbli għall-proċeduri penali. Huwa rikonnoxxut li ż-żmien raġonevoli tal-proċedimenti huwa wieħed mill-aktar garanziji proċedurali importanti tad-drittijiet fundamentali għall-proċess ġust imnaqqax fl-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni. L-Artikolu 6 § 1 jobbliga lill-Istati Membri sabiex jorganizzaw is-sistemi legali u ġudizzjarji tagħhom b'mod li l-Qrati tagħhom ikunu jistgħu jikkonformaw ma' dan ir-rekwiżit hemm impost. Dan ifisser li l-Qrati nazzjonali jkunu kapaċi jiggarantixxu lil kullħadd id-dritt għal deċiżjoni finali fuq kwistjonijiet ta' drittijiet u obbligi ċivili fi żmien raġonevoli (Ara **Comingersoll S.A. -vs- Portugal [GC], § 24; Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Romania [GC], § 142**).

**7.** Dan l-obbligu japplika wkoll għall-Qrati Kostituzzjonali, għalkemm b'interpretazzjoni differenti tenut kont tal-irwol tagħhom, bħala gwardjani tal-Kostituzzjoni, li jqisu n-natura u l-importanza tal-każ f'termini politiċi u soċjali (**Ara Süssmann v. Germany, § 56; Voggenreiter v. Germany §§ 51- 52; Oršuš and Others v. Croatia [GC], § 109**). Kif jingħad fir-**Report of the European Commission on the Efficiency of Justice (CEPEJ**), b'dan l-obbligu is-sistemi ġudizzjarji ġew tassew mogħtija għan ġdid: li jipproċessaw kull każ "within an optimum and foreseeable timeframe" (**CEPEJ(2004)19REV2, p. 3**).

**8.** F'dan is-sens il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (QEBD) kemm-il darba saħqet fuq l-importanza li l-ġustizzja tiġi amministrata mingħajr dewmien li jista' jqiegħed l-effettivitá u l-kredibilitá tagħha fil-periklu (Ara **H. v. France, § 58; Katte Klitsche de la Grange v. Italy, § 61; Scordino v. Italy (no 1) [GC], § 224**). Stat Kontraenti li nstab li vvjola dan ir-rekwiżit frekwentament u ħoloq kumulu ta' vjolazzjonijiet identiċi, ġie kemm-il darba meqjus mill-QEBD bħala Stat li jħaddan prattika inkompatibbli mal-Konvenzjoni. Dan għaliex tali vjolazzjonijiet jirriflettu sitwazzjoni kontinwa li għadha ma ġietx rimedjata u li għalhekk qed iċċaħħad il-partijiet minn rimedju domestiku effettiv. Il-QEBD qieset tali ċirkostanza bħala waħda li tikkostitwixxi ksur aggravanti tal-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni (ara **Bottazzi v. Italy [GC], § 22; Scordino v. Italy (no 1) [GC], § 225**).

**9.** Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) kif riflessa fil-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin, stabbilit il-prinċipji li għandhom jiddeterminaw it-tul taż-żmien tal-proċedimenti u l-kriterji indikattivi tar-raġjonevolezza ta' dan it-tul taż-żmien. Id-determinazzjoni tat-tul taż-żmien tal-proċedimenti.

**10.** Id-*dies a quo* tal-kejl tar-raġonevolezza taż-żmien fil-każ ta' proċeduri ċivili huwa d-data li fiha l-ilment jew talba tiġi indirizzata quddiem il-Qorti domestika f'forma preskritta mil-liġi applikabbli (Ara **Poiss v. Austria, § 50; Bock v. Germany, § 35; Portington v. Greece §20**). Pero' din il-Qorti tqis fil-każ ta' proċeduri kriminali, dan il-perjodu jibda jiddekkorri minn meta l-ewwel darba il-persuna tkun mgħarrfa li jesisti suspett li wettqet rejat u tkun ġiet interrogata sakemm ma tkunx mgħarrfa li ma hemmx każ kontra tagħha. Dan għaliex huwa minn dak il-mument il-persuna titqiegħed fi stat ta' inċertezza anke fid-dawl li persuna trid tfassal ħajjitha b'serenita'. Huwa propju għalhekk li ġie aċċettat li f'ċertu ċirkostanzi li l-perjodu tal-kejl tar-raġonevolezza taż-żmien għandu jibda jiddekorri qabel id-data li fiha l-applikant jippreżenta l-att li bih jibda l-proċeduri quddiem Qorti kontenzjuża (Ara **Golder v. the United Kingdom, § 32 in fine; Erkner and Hofauer v. Austria, § 64; Vilho Eskelinen and Others v. Finland [GC], § 65**).

**11.** Dan meta, ad eżempju, azzjoni partikolari tkun teħtieġ li, qabel ma tiġi hekk istitwita, jittieħdu ċerti passi proċedurali preliminari (Ara **Blake v. the United Kingdom, § 40; Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC],**

**§§ 207-208, u Koziy v. Ukraine, § 25**) jew ikun hemm impost bħala pre-rekwiżit l-obbligu li tiġi sottomessa applikazzjoni lil xi awtoritá amministrattiva jew ottenuta xi awtorizzazzjoni. F'dak il-każ il-perjodu tal-kejl tar-raġonevolezza taż-żmien għandu jinkludi wkoll din il-proċedura amministrattiva preliminari mandatorja (Ara **König v. Germany, § 98; X v. France, § 31; Schouten and Meldrum v. the Netherlands, § 62; Kress v. France [GC], § 90; Siermiński v. Poland § 65**).

**12.** L-Artikolu 6 § 1 jista' jsib applikabbilitá wkoll fi proċeduri li, għalkemm ma humiex kompletament ġudizzjarji fin-natura tagħhom, huma madanakollu marbuta mill-qrib ma' superviżjoni minn korp ġudizzjarju. Dan kien il-każ, per eżempju, fi proċedura għall-qasma ta' patrimonju li tmexxiet fuq bażi mhux kontenzjuża quddiem żewġ nutara, iżda ġiet ordnata u approvata minn qorti (Ara **Siegel v. Franza, §§33-38**). Din il-Qorti issostni, li dan huwa anke applikabbli fil-kamp Kriminali bħal meta qabel l-istituzzjoni ta' proċedura penali jkun hemm bżonn l-awtorizzazzjoni tal-Avukat Ġenerali jew ta' xi Kap ta' Dipartiment Governattiva.

**13.** Id-*dies ad quem* ta' dan il-kejl taż-żmien rilevanti huwa l-mument fejn l-ilment in disputa jkun ġie solvut b'sentenza li tkun definittiva, finali u jekk ikun il-każ eżegwita/enforzata (Ara **Poiss v. Austria, § 50; Blake v. the United Kingdom §40**). Dan iż-żmien għalhekk ikopri wkoll l-istadju tal-appell (**König v. Germany, § 98 in fine; Kudła v. Poland §122**) u ma jeskludix l-istadji sussegwenti s-Sentenza fuq il-mertu (Ara **Robins v. the**

**United Kingdom, §§ 28-29**). Per eżempju fil-każ odjern dan iż-żmien huwa dak meta l-Qorti tal-Appell Kriminali kif indikat aktar 'l fuq tat is-sentenza imsemmija.

**14.** Iż-żmien ma jieqafx għaddej sakemm id-dritt asserit fil-proċeduri jsir effettiv (Ara **Estima Jorge v. Portugal, §§ 36-38**). Proċeduri quddiem Qorti Kostituzzjonali jistgħu jittieħdu in konsiderazzjoni fejn, għalkemm ma jkollhiex ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi fuq il-mertu, is-Sentenza mogħtija minnha taffettwa r-riżoluzzjoni tat-tilwima pendenti quddiem qrati ordinarji (Ara **Deumeland v. Germany, § 77; Pammel v. Germany, §§ 51-57; Süssmann v. Germany, § 39**).

**15.** Kif ġie kemm il-darba affermat, ir-raġjonevolezza taż-żmien meħud fis-smigħ ta' kawża għandu jiġi determinat f'kull każ speċifiku fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha tiegħu "*magħdudin flimkien b'effett kumulattiv"* u globali (Ara **Sentenza fl-ismijiet Anton Camilleri -vs- Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali, tal-1 ta' Frar 2016** u kif ukoll **Frydlender v. France [GC], § 43); Obermeier v. Austria, § 72; Comingersoll S.A. v. Portugal [GC], § 23; Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 214**).

**16.** Tabilħaqq il-proċeduri kollha għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni (**König v. Germany, § 98 in fine**). Ċertu tul fi stadji differenti tal-proċeduri jista', fih innifsu, ma jitqiesx bħala irraġonevoli. Iżda meta meqjus komplessivament u b'mod kumulattiv, jista' jirriżulta in eċċess tar-rekwiżit taż-żmien raġonevoli sanċit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni (Ara **Deumeland v. Germany, § 90; Satakunnan Markkinapörssi Oy and**

**Satamedia Oy v. Finland [GC], §§ 210-11**). Dewmien fi stadju partikulari tal-proċeduri jista' jkun permissibbli sakemm it-tul kollu tal-proċedimenti ma jkunx eċċessiv (Ara **Pretto and Others v. Italy, § 37**).

**17.** Ġie stabbilit li dan ir-rekwiżit ta' żmien raġonevoli sanċit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni m'għandux jimmina l-prinċipju ġenerali tal-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja, wkoll stabbilit b'dan l-artikolu. Għandu għalhekk jintlaħaq bilanċ ġust bejn id-diversi aspetti varji ta' dan ir-rekwiżit fundamentali (Ara **Boddaert v. Belgium ċitata supra § 39**; ara wkoll **Raymond Bonnici et vs Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali, 2 ta' Marzu 2015, para 27**).

**18.** Sabiex jiġi żgurat dan il-bilanċ, fil-kejl tagħha tar-raġjonevolezza taż-żmien il-Qorti Ewropea, u bl-istess mod il-Qrati tagħna, konsistentement qieset iċ-ċirkostanzi individwali u partikolari tal-każ fid-dawl ta' erba' kriterji ġenerali (ara fost ħafna oħrajn **Kurzac v. Poland § 30; Comingersoll S.A. v. Portugal [GC]; Frydlender v. France [GC], § 43; Sürmeli v. Germany [GC], § 128; Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Romania [GC], § 143; Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 209**).

**19.** Dawn huma:

(i) il-kumplessità tal-każ;

(ii) il-kondotta tal-parti li qed tilmenta;

(iii) il-kondotta tal-awtorijiet kompetenti, jiġifieri l-azzjonijiet tal-qorti in kwistjoni u tal-awtoritajiet governattivi oħra involuti fil-proċess;

(iv) l-importanza tal-każ għall-attur;

**20.** Il-kumplessitá tal-każ tista' tinsorġi kemm minħabba kwistjoniijiet fattwali u proċedurali kif ukoll minħabba kwistjonijiet legali (Ara **Katte Klitsche de la Grange v. Italy, § 55; Papachelas v. Greece [GC], § 39**). Każ jitqies fattwalment u/jew proċeduralment kumpless meta jinvolvi numru kbir ta' partijiet (**H. v. the United Kingdom, § 72**) jew il-produzzjoni ta' volum kbir ta' provi u/jew numru kbir ta' smiegħ ta' xhieda (ara **Humen v. Poland [GC], § 63**) jew ikun jeħtieġ numru kbir ta' rapporti peritali (Ara **Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC] (§ 210**). Każ jitqies legalment kumpless minħabba nuqqas ta' preċedent fuq livell nazzjonali, jew il-ħtieġa li tintalab deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewopea (QtĠ) dwar kwistjonijiet relatati mal-interpretazzjoni tal-liġi Ewropea (Ara **Satakunnan Markkinapörssi Oy and Satamedia Oy v. Finland [GC], § 212**).

**21.** Ġie stabbilit ukoll li anki jekk il-każ fih nnifsu ma jkunx partikolarment kumpless, in-nuqqas ta' kjarezza u prevedibbiltá fil-liġi jista' wkoll jagħmel l-eżami diffiċli u deċiżivament jikkontribwixxi għad-dewmien tal-proċeduri (Ara **Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Romania [GC], § 150**). Il-QEBD irrikonoxxiet li każijiet kumplessi jenħtieġu aktar żmien biex jiġu konklużi (Ara **Tierce v. San Marino § 31**). Hija madanakollu stqarret li l-kumplessitá fiha nnifisha mhux

neċessarjament tiġġustifika proċedimenti twal li xorta jistgħu jwasslu għal vjolazzjoni tar-rekwiżit taż-żmien raġjonevoli (Ara **Matong vs Poland, QEBD, 9 ta' Ġunju 2009, §30; Rutkowski and Others v. Poland, QEBD, 7 ta' Lulju 2015, § 137**). Difatti fil-każ **Cipolletta v. Italy il-QEBD**, għalkemm għarfet il-kumplessitá ta' proċeduri ta' insolvenza, sabet li tul ta' madwar ħamsa u għoxrin sena u sitt xhur ma jissodisfax ir-rekwiżit ta' "żmien raġonevoli" (ara §44). Tabilħaqq il-kumplessitá waħidha tal-każ ma twassalx sabiex kwalunkwe dewmien jitqies bħala raġonevoli (Ara **Ferrantelli u Santangelo vs Italy, QEBD, 7 ta' Awwissu 1996, § 42**).

**22.** Il-QEBD tikkonsidra li l-persuna konċernata hija meħtieġa biss li turi diliġenza fit-twettiq tal-każ tagħha, li żżomm lura milli tuża tattiċi ta' dewmien u li tużuffruwixxi ruħha mill-azzjonijiet disponibbli fil-liġi domestika għat-tqassir tal-proċeduri. Iżda ma hija taħt l-ebda dmir li tieħu azzjoni li ma hiex adattata għal dak il-għan (Ara **Unión Alimentaria Sanders SA vs Spain, QEBD, 7 ta' Lulju 1989, § 35**). L-Artikolu 6§1 ma jeħtieġx li l-parti li qed tilmenta tikkopera b'mod attiv ma' l-awtoritajiet ġudizzjarji biex tħaffef il-proċeduri. Lanqas ma titqies responsabbli għad-dewmien fejn tkun għamlet użu sħiħ mir-rimedji domestiċi disponibbli għaliha (Ara **Erkner and Hofauer v. Austria § 68**) jew minħabba l-konsegwenzi marbuta mal-kundizzjoni medika tagħha (Ara **Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 211**). Ġie stabbilit iżda li tali kondotta, għalkemm ma titfax ħtija fuq l-parti konċernata għad-dewmien kawżat, "*għandha jkollha relevanza għal-likwidazzjoni tal-kumpens lilhom*

*dovut*" (Ara **Sentenza fl-ismijiet Iris Cassar et -vs- Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Marzu 2015**).

**23.** L-awtoritajiet nazzjonali min-naħa tagħhom lanqas ma jistgħu jinżammu responsabbli għal-dewmien ikkawżat b'riżultat ta' dan l-aġir (Ara **Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 211**). Tabilħaqq, il-kondotta tal-parti li qed tilmenta għandha tiġi kkunsidrata fid-determinazzjoni tar-rekwiżit taż-żmien raġjonevoli impost fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għaliex tikkostitwixxi fatt oġġettiv li l-istat m'għandux kontroll fuqha u li għalhekk ma jistax jiġi attribwit lilu (**Poiss v. Austria § 57; Wiesinger vs Austria § 57; Humen v. Poland [GC], § 66** supra). Ġie iżda stabbilit li l-istat ma jistax jinqeda bl-imġieba tal-applikant sabiex jiġġustifika perjodi ta' inattivitá. Huwa meħtieġ għalhekk li l-kondotta tal-Qrati f'dan ir-rigward tiġi analizzata. Dan jiġifieri li jiġu eżaminati l-azzjonijiet u l-miżuri li ħadu l-Qrati sabiex iħeġġu l-partijiet fil-proċeduri iwettqu b'mod attiv id-dmirijiet proċedurali tagħhom. Il-QEBD irriteniet f'ikar minn okkażjoni waħda li l-Qrati domestiċi ma jistgħux jibqgħu indifferenti għall-abbuż mill-partijiet tad-drittijiet proċedurali u dewmien persistenti fil-proċeduri: l-attitudni tal-partijiet ma teżonerax lill-Qrati mid-dmir tagħhom li jiżguraw is-smiegħ xieraq tal-proċess ġudizzjarju għeluq żmien raġonevoli impost fl-artikolu 6 § 1 (Ara **Pafitis and Others v. Greece § 93; Tierce v. San Marino § 31; Sürmeli v. Germany [GC] § 129; Guincho v. Portugal §32; Buchholz v. Germany §50; Capuano v. Italy §§24-25; Baraona v. Portugal §48; Martins Moreira v. Portugal**

**§46; Neves e Silva v. Portugal §43; Union Alimentaria Sanders S.A. v. Spain §§34; Vernillo v. France §30; Scopelliti v. Italy §25; Ciricosta and Viola v. Italy §30; Mincheva v. Bulgaria § 68**).

**24.** Eżempji li jikkonċernaw il-kondotta tal-parti li qed tilmenta jinkludu s-segwenti:

a. nuqqas ta' ħeġġa mill-partijiet biex jippreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom. Dan in-nuqqas ġie meqjus bħala kontributur deċiżiv għad-dewmien fil-proċeduri (Ara **Vernillo v. France, § 34)**;

b. bidliet frekwenti u ripetuti tal-avukat difensur (**König v. Germany, §103**);

c. talbiet jew omissjonijiet li jħallu impatt fuq it-tmexxija tal-proċeduri (Ara **Acquaviva v. France § 61**);

d. nuqqas ta' diliġenza fil-passi proċedurali meħuda (Ara **Keaney v. Ireland, § 95**);

e. tentattivi biex tiġi żgurata transazzjoni tal-kawża barra l-Qorti (out-of-court settlement) (Ara **Pizzetti v. Italy, § 18; Laino v. Italy [GC], § 22**);

f. proċeduri istitwiti erronjament quddiem qorti nieqsa mill-ġurisdizzjoni (Ara **Beaumartin v. France, § 33**);

**25.** L-istat huwa responsabbli għall-awtoritajiet kollha tiegħu: mhux biss għall-organi ġudizzjarji, iżda għall-istituzzjonijiet pubbliċi kollha (Ara **Martins Moreira v. Portugal, § 60**). Dewmien attribwibbli lill-Istat biss

jiġġustifika sejbien ta' vjolazzjoni tal-artikolu 6 § 1 minħabba nuqqas ta' konformitá mar-rekwiżit taż-żmien raġonevoli (Ara **Buchholz v. Germany §49; Papageorgiou v. Greece § 40; Humen v. Poland [GC], § 66**).

**26.** Kif sewwa rriteniet il-**Qorti Kostituzzjonali fis-Sentenza fl-ismijiet John Bugeja -vs- L-Avukat Ġenerali et, tal-11 ta' Awwissu 2003**: "*d-dritt fundamentali ta' l-individwu li jkollu l-kawza tieghu mismugha u finalizzata eghluq iz-zmien ragonevoli, jimponi tassattivament fuq l-istat, li jrid josserva s-Saltna tad-Dritt, l-obbligu li jkollu fis-sehh sistema efficjenti t'amministrazzjoni tal-gustizzja. Il-gudikatura tifforma t-tielet kolonna li fuqha hu mibni l-istat. Fis-sistema taghna, huma z-zewg kolonni l-ohra ta' l-istat, cjoe` l-ezekuttiv u l-legislattiv, li ghandhom obbligu li jipprovdu r-rizorsi, l istrutturi u l-ghodod l-ohra kollha necessarji biex il-Qrati jkunu f' pozizzjoni li jwettqu l-gustizzja fi zmien ragonevoli. Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem dejjem ghallmet li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni"*

**27.** Il-Qorti Ewropeja kemm-il darba irriteniet li l-konvenzjoni *"…. imposes on the Contracting States the duty to organise their juridical system in such a way that the Courts can meet the requirements of this provision Salesi vs Italy (26/02/1993). It wishes to reaffirm the importance of administerting justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility Katte Klitsche de la Grange vs Italy (27/10/1994) – (ara A.P. vs Italy 28/07/1999 Application 35265/97 – para. 18)."* (ara wkoll **Von Maltzan and Others v. Germany (dec.) [GC], § 132**).

**28.** Ġie madanakollu stabbilit li "Dewmien li jista' jiġi attribwit għall-istat jeħtieġ li jitqies (Ara **Buchholz vs Germany paragrafu 49.** Ara wkoll u **Yagtzilar oħrajn vs Il-Greċja, Nru 41727/98, is-6 ta' Diċembru 2001**), iżda l-attribuzzjoni tar-responsabbiltà għandha tkun ikkunsidrata bir-reqqa. Per eżempju, dewmien fil-proċedimenti li jirriżulta mir-riferiment ta' mistoqsija lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għal deċiżjoni preliminari mhuwiex ħtija tal-istat (Ara **Pafitis u oħrajn vs Il-Greċja, Nru 20323/92, 26 ta' Frar 1998, paragrafu 95**). Madankollu, ir-responsabbiltà ewlenija għall-preparament ta' każ u għat-tmexxija mgħaġġla tas-smigħ tal-kawża taqa' taħt l-imħallef (Ara **Capuano vs L-Italja, Nru 9381/81, 25 ta' Ġunju 1987, paragrafi 30-31**). Difatti ġie stabbilit li r-responabbilitá ta' dewmien kaġunat minn differimenti ħabba nuqqas ta' attendenza tal-persuni rilevanti (bħal xhieda, ko-akkużati u rappreżentanti legali) taqa' fuq il-Qrati nazzjonali (Ara **Tychko v. Russja, § 68**; ara wkoll **Sentenza fl-ismijiet Ellul Sullivan et vs L-Avukat Ġenerali tar-Repubblika et, Qorti Kostituzzjonali, 18 ta' Ġunju 2008**).

**29.** Ġie stabbilit ukoll, kif ġia ingħad fil-kunsiderazzjoni tal-kriterju preċedenti, li l-attitudni passiva tal-partijiet ma jeħlisx lill-Qrati mill-obbligu li jiżguraw is-smiegħ tal-proċess ġudizzjarju għeluq żmien raġonevoli kif rikjest fl-artikolu 6 § 1 (ara sentenzi ġia ċitati supra). L-istess huwa l-każ għad-dewmien kawżat mill-ħtieġa ta' perizja teknika: minkejja l-apatija tal-partijiet infushom u tal-bosta periti li ġew maħtura tul is-snin f'dawn il-kawżi, kien il-poter-dover tal-Qorti illi tiżgura li tali dewmien ma jiġix

permess. Kif spiss saħqu l-qrati tagħna, fl-aħħar mill-aħħar id-dmir jibqa' tal-Qorti li ma tippermetti lil ħadd mill-partijiet, inklużi d-difensuri, li jabbużaw mill-proċess ġudizzjarju u fl-istess waqt tiżgura li l-periti ġudizzjarji jaqdu dmirijiethom fi żmien raġjonevoli mingħajr il-ħtieġa li toqogħod tistenna lill-partijiet biex jattirawlha l-attenzjoni (Ara **Sentenza PA fl-ismijiet Joseph Gatt et vs L-Avukat Ġenerali tad-29 ta' Lulju 2013 deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 2014**, Ara ukoll **Żakkarija Calleja vs Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali, 29 ta' Lulju 2013; u Capuano vs Italy §§ 30-31; Versini vs France § 29; Sürmeli vs Germany [GC], § 129)**. Il-QEDB sabet li bidliet ripetuti tal-imħallef "*ma jistgħux jeżoneraw l-Istat, li huwa responsabbli sabiex jiżgura li l-amministrazzjoni tal-ġustizzja tkun organizzata sew*" (Ara **Lechner u Hess vs L-Awstrija, Nru 9316/81, 23 ta' April 1987, paragrafu 58**). Bl-istess mod, "tagħbija żejda kronika" ta' każijiet ma tiġġustifikax proċedimenti eċċessivament twal (Ara **Probstmeier vs Il-Ġermanja, Nru 20950/92, 1 ta' Lulju 1997, paragrafu 64**).

**30.** L-istat huwa responsabbli għall-awtoritajiet tal-istat kollha – mhux biss il-qrati (Ara **Martins Moreira vs Portugall, Nru 11371/85, 26 ta' Ottubru 1988, paragrafu 60**.) Għalhekk la darba huwa fuq l-Istati Membri li jorganizzaw is-sistemi legali tagħhom b'tali mod li jiggarantixxu d-dritt għal deċiżjoni finali fi żmien raġonevoli, l-eżistenza ta' ammont eċċessiv ta' xogħol ma jistax jittieħed in konsiderazzjoni (Ara **Vocaturo v. Italy § 17, Cappello v. Italy § 17)**. Madanakollu, xogħol tal-qorti

pendenti temporanju ma jiskattax ir-responabbiltà tal-istat jekk jieħu azzjoni korrettiva immedjata, xierqa sabiex tipprova tirrisolvi l-problema (Ara **Probstmeier vs Il-Ġermanja, Nru 20950/92, 1 ta' Lulju 1997, paragrafu 64** ara wkoll **Buchholz v. Germany § 51**).

**31.** Sabiex jiġi megħlub l-ammont ta' xogħol pendenti, l-Istati jistgħu jadottaw miżuri provviżorji, bħall-għażla li jindirizzaw il-kawżi f'ordni partikolari (Ara **Milasi vs L-Italja, Nru 10527/83, 25 ta' Ġunju 1987, paragrafu18**). Eżempju ta' dan huwa meta jiġu indirizzati l-kawżi skont il-prioritá, l-urġenza u l-importanza tagħhom, b'mod partikolari x'ikun hemm involut għal persuni konċernati. Madankollu, jekk dawn l-azzjonijiet temporanji jonqsu milli jaħdmu, l-Istati jridu jadottaw miżuri iżjed effettivi sabiex tiġi indirizzata l-problema (Ara **Zimmermann u Steiner vs Svizzera, Nru 8737/79, 13 ta' Lulju 1983, paragrafu 29** ara wkoll **Guincho vs Portugal § 40**).

**32.** L-Istati għandhom ifittxu modi sabiex jiġu żgurati li s-sistemi ġudizzjarji tagħhom ma joħolqux dewmien fil-proċedimenti. (Manwal dwar id-dritt tal-Unjoni relatat mal-aċċess għall-ġustizzja, paġna 150-151). Tabilħaqq, il-fatt li tali sitwazzjonijiet ta' backlog saru komuni, ma jistgħax jiġġustifika t-tul eċċessiv tal-proċeduri (Ara **Unión Alimentaria Sanders S.A. v. Spain § 40**). Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' riforma mmirata biex tħaffef id-determinazzjoni tal-każijiet lanqas ma jista' jiġġustifika dewmien għaliex l-Istat xorta jkun qiegħed jonqos mid-dover tiegħu li jorganizza d-dħul fis-seħħ u l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri b'mod li

jevitaw dan id-dewmien f'kawżi pendenti (Ara **Fisanotti v. Italy § 22**). F'dak ir-rigward, l-adegwatezza jew le tar-rimedju domestiċi introdotti minn Stat Membru biex jipprevjeni jew jipprovdi rimedju għall-problema ta' proċeduri eċċessivament twal għandhom jiġu vvalutati fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti mill-Qorti (Ara **Scordino v. Italy (no. 1) [GC], §§ 178 et seq. and 223**).

**33.** L-istat inżamm ukoll responsabbli għan-nuqqas ta' konformitá mar-rekwiżit ta' żmien raġonevoli f'dawn il-każijiet:

a. fejn kien ammont eċċessiv ta' attivitá ġudizzjarja li ffokat biss fuq l-istat mentali tal-applikant għal aktar minn disa' snin (**Bock v. Germany § 47**);

b. Strajk minn membri tal-Kamra tal-Avukati. Għalkemm minnu nnifsu dan ma rrendix Stat Membru responsabbli għar-rigward tar-rekwiżit taż-żmien raġonevoli, l-isforzi magħmula mill-Istat biex inaqqas kwalunkwe dewmien riżultanti minn dan l-istrike ġew kkunsidrati sabiex jiġi determinat jew dan ir-rekwiżit ġiex osservat (**Papageorgiou v. Greece § 47**).

c. Għalkemm ma hijiex il-funzjoni tal-Qorti li tanalizza l-mod li bih il-qrati nazzjonali nterpretaw u applikaw il-liġi domestika, ġie meqjus li t-tħassir minn qrati superjuri ta' deċiżjonijiet ta' qrati inferjuri u r-rinviju tal-każ lura lilhom huwa ġeneralment dovut għall-iżbalji mwettqa mill-istess qrati inferjuri. Ir-ripetizzjoni ta' sentenzi konsegwenza ta' dawn l-iżbalji tindika nuqqas fis-sistema effikaċi ġudizzjarja (**Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Romania [GC], § 147**).

**34.** Jista' jirriżulta minn eżami komplessiv tal-proċeduri kollha li, l-awtoritajiet nazzjonali, għalkemm ikunu tqiesu responsabbli għal ċerti difetti proċedurali li kkawżaw dewmien fil-proċedimenti, jkunu xorta kkonformaw mad-dmir tagħhom li jisimgħu l-każ egħluq iż-żmien raġonevoli skont l-Artikolu 6 (**Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 211**).

**35.** Il-kondotta ta' Qorti Kostituzzjonali wkoll tiġi eżaminata billi, kif ġia ingħad, hija wkoll marbuta bl-obbligu li jesiġi l-artikolu 6§1, għalkemm b'interpretazzjoni differenti. Bħal eżempju ta' proċeduri irraġonevolment twal quddiem qorti kostituzzjonali (ara s-sentenza **Project-Trade d.o.o. v. Croatia, §§ 101-102**).

**36.** Ċerti fatturi partikolari li jinvolvu lill-applikant jistgħu jenħtieġu l-applikazzjoni ta' standards iktar rigorużi biex jiġi assigurat li l-proċeduri jingħataw prijoritá, jiġu trattati b'urġenza u ndirizzati b'iżjed ħeffa. Għandu għalhekk jitqies jekk l-awtoritajiet applikawx din id-diliġenza speċjali fil-konsiderazzjoni tar-raġonevolezza tat-tul tal-proċeduri (Ara **Abdoella v. the Netherlands ċitata supra § 24; Starokadomskiy v. Russia (no. 2), 13 ta' Marzu 2014, §§ 70-71**).

**37.** Każijiet fejn ġie stabbilit li kellu jiġi applikat diliġenza speċjali minħabba dak li kien hemm involut għal persuna li qed tilmenta jinkludu s-segwenti:

1. fejn l-applikant huwa afflit b'mard ta' theddid għal ħajja u/jew etá avvanzata (**X vs France §§ 45 u 47; Pailot v. France § 68; A. and Others v. Denmark §§ 78-81**);

2. każijiet li jikkonċernaw it-tfal bħal kustodja (Ara **Hokkanen vs Finland § 72; Niederböster v. Germany § 39**) jew rimozzjoni illeċita ta' minuri minħabba li d-dewmien jista' effettivament jiddetermina l-eżitu tal-każ (Ara **Hoholm vs Slovakia § 51**). Dan speċjalment fejn it-trapass ta' żmien jikkaġuna konsegwenzi irriversibbli fir-relazzjoni bejn il-ġenitur u l-wild (Ara **Tsikakis v. Germany §§ 64 and 68**). Każijiet li jikkonċernaw irresponsabbilitá tal-ġenituri u d-drittijiet ta' aċċess ukoll jitolbu spedizzjoni partikolari (Ara **Paulsen-Medalen and Svensson v. Sweden § 39; Laino v. Italy [GC] § 22**).

3. kawżi li jikkonċernaw tilwim relatat ma' pensjonijiet (Ara **Borgese v. Italy § 18**), inkluż pensjoni ta' disabilitá (Ara **Mocié v. France § 22**) jew ma' mpjieg (Ara **Vocaturo vs Italy § 17; Bauer vs Slovenia §19; Ruotolo v. Italy § 17; u Frydlender v. France [GC] § 45**) – bħal jekk il-kwistjoni involuta tirrigwarda aċċess għal professjoni liberali (Ara **Thlimmenos v. Greece [GC] §§ 60 u 62**), l-għajxien professjonali kollu tal-applikant (Ara **König v. Germany § 111**), il-kontinwazzjoni tal-okkupazzjoni tal-applikant (Ara **Garcia v.Ara France § 14**), appell kontra tkeċċija (Ara **Buchholz v. Germany § 52; Frydlender v. France [GC] § 45**), is-sospensjoni tal-applikant u, transfers (Ara **Sartory v. France § 34**)

jew reinstatements jew fejn l-ammont mitlub huwa ta’ importanza vitali għall-applikant (Ara **Doustaly v. France § 48**).

4. kawżi li jikkonċernaw stat ċivili, bħal dawk għal dikjarazzjoni jew ċaħda ta’ paternitá (Ara **Mikulić vs Croatia § 44; Bock v. Germany § 49; Laino v. Italy [GC] § 18**).

5. Ilmenti mressqa minn individwi li jallegaw li ġew soġġetti għal vjolenza minn uffiċjali tal-pulizija (Ara **Caloc v. France § 120**).

6. Azzjonjiet ta’ danni riżultanti minn ħsara fiżika fuq persuna ta’ etá avvanzata (Ara **Codarcea v. Romania § 89**).

7. Azzjoni rigwardanti l-ħarsien tad-dritt tal-edukazzjoni (Ara **Oršuš and Others v. Croatia [GC] § 109**).

**38.** Minn naħa l-oħra ġie stabbilit li ma kienetx meħtieġa diliġenza speċjali f’proċeduri għad-danni mġarrba konsegwenza ta’ inċident tat-traffiku (Ara **Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 213**).

**39.** Ġie stabbilit li meta, wara analiżi ta’ kull wieħed mill-kriterji deskritti hawn fuq, jibqa’ impossibbli li jiġi konkluż jekk iż-żmien raġonevoli ta’ proċedimenti kienx osservat f’każ speċifiku, jista’ jiġi applikat kriterju addizzjonali. Dan huwa l-evalwazzjoni globali tat-tul kollu tal-proċedimenti fil-każ tenut kont tal-kriterji kollha eżaminati (Ara **Obermeier v. Austria § 72; Manzoni v. Italy § 18; Laghouati and Others v. Luxembourg § 33**).

**40.** Ġie stabbilit ulterjorment li f'każ li l-kriterji għal valutazzjoni tar-raġonevolezza taż-żmien fi proċeduri ċivili jkunu intimament relatati, il-Qorti tagħmel ukoll valutazzjoni ġenerali (Ara **Konig v. the Federal Republic of Germany (merits) §§105 and 111; Buchholz v. the Federal Republic of Germany §63; Zimmermann and Steiner v. Switzerland §32; Pretto and others v. Italy §37; Guincho v. Portugal §41**).

**41.** Għalhekk, l-imġieba tal-partijiet tista' żżid il-kumplessitá tal-proċeduri filwaqt li s-sinjifikat tal-eżitu għall-applikant jimmerita diliġenza speċjali eżerċitata mill-awtoritajiet. F'xi każijiet ċertu dewmien sostanzjali ġie perċepiet bħala normali. Madankollu fil-valutazzjoni ġenerali tagħha il-Qorti sabet ksur taż-żmien raġonevoli sanċit fl-artikolu 6 § 1 meta ħadet in konsiderazzjoni s-segwenti:

a. It-tul tal-proċedimenti, meqjus fih innifsu u b'mod ġenerali, speċjalment jekk il-Gvern konvenut ma pprovda l-ebda spjegazzjoni (Ara **Obermeier v. Austria §72 Editions; Periscope v. France §44; Messina v. Italy §28; Darnell v. the United Kingdom §21; Allenet de Ribemont v. France §57**);

b. L-istat konċernat jirrikonoxxi li huwa fit-tort (Ara **Darnell v. the United Kingdom §20**);

c. Eżitu tal-proċedimenti, għallinqas fil-każ ta' out-of-court settlement (Ara **Cormio v. Italy §§16-17**);

d. Il-proporzjon tat-tul kollu tal-proċedimenti tal-każ man-numru tal-istanzi tal-qrati li quddiemhom il-każ ġie mistħarreġ (Ara **Cesarini v. Italy §20** [tliet istanzi]; **Salerno v. Italy §21** [tliet istanzi]; **Abdoella v. the Netherlands §22** [ħames istanzi]; **Olsson v. Sweden (No. 2) §§105 and 106** [tliet istanzi]; **Raimondo v. Italy §44** [żewġ istanzi] **Vendittelli v. Italy §29; Hokkanen v. Finland §72** [tliet istanzi];

e. Dewmien riżultanti minn difetti proċedurali minkejja li l-awtoritajiet nazzjonali setgħu baqgħu attivi matul il-proċeduri kollha (Ara **Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 213**);

f. Ġie wkoll stabbilit bħala mhux aċċettabli proċeduri milquta b'perjodi twal ta' staġnar bla ma tiġi mogħtija ebda spjegazzjoni (Ara **Beaumartin v. France, § 33**).

**42.** Ġie ritenut li, fil-prinċipju, sena għal kull istanza tal-qorti tista' titqies bħala żmien raġonevoli (Ara **Obasa v. the United Kingdom § 35**). Anke sena u nofs ġie meqjus bħala żmien raġonevoli (Ara **Satakunnan Markkinaporssi Oy and Satamedia Oy v. Finland § 88**). Id-durata taż-żmien sa sentejn għal kull stadju ta' ġurisdizzjoni f'każijiet mhux kumplessi ġeneralment tqiesu bħala raġonevoli. Fejn il-proċeduri damu iktar minn sentejn, il-Qorti teżamina l-każ bi skrutinju sabiex tiddetermina jekk kienx hemm raġunijiet oġġettivi għal dan id-dewmien, bħal kumplessita tal-każ jew jekk l-awtoritajiet nazzjonali wrewx diliġenza fil-proċedimenti. F'każijiet kumplessi, il-QEBD tippermetti żmien itwal, iżda tagħti attenzjoni speċjali għal perjodi ta' inattivitá li huma b'mod ċar

eċċessivi. L-itwal ħin aċċettat mill-Qorti huwa madankollu <u>rarament aktar minn ħames snin u kważi qatt aktar minn tmien snin ta' dewmie</u>n.

**43.** Fil-każijiet meqjusa bħala ta' prijoritá li fihom kwistjoni partikolari hija f'riskju, il-Qorti ddevjat mill-pożizzjoni ġenerali, u sabet ksur anke jekk il-każ dam inqas minn sentejn f'kull stadju tal-proċeduri. Dan bħal fil-każ fejn l-istat ta' saħħa tal-applikant hija kritika jew fejn id-dewmien jista' jkollu konsegwenzi irreparabbli għall-applikant. L-uniċi każijiet li fihom il-Qorti ma sabitx ksur minkejja t-tul manifestament eċċessiv tal-proċeduri kienu każijiet fejn l-imġieba ta' l-applikant kienet fattur ewlieni (European Commission for the Efficiency of Justice (CEPEJ): Length of court proceedings in the member states of the Council of Europe based on the case law of the European Court of Human Rights(CEPEJ(2018)26).

**44.** Il-Qorti ħasset li kellha tkun daqstant komprensiva fl-elenku tal-kasistika tal-QEDB biex turi kemm hi rikka l-ġurisprudenza fuq il-prinċipju ta' dewmien raġjonevoli u li fir-rikezza tagħha ma ħalliet ebda istanza u rokna fl-analiżi tagħha. Din hija ukoll xorta affermazzjoni mill-Qorti dwar kemm huwa għal qalba dan l-aspett tal-ġustizzja għaliex huwa konsonanti mill-prinċipju l-ieħor li ġustizzja imkarkra u prolungata hija iċ-ċaħda tal-istess ġustizzja. Huwa fid-dawl ta' dan it-tagħlim, li din il-Qorti ser tqies u tifli l-każ li għandha quddiemha.

## Konsiderazzjonijiet

**45.** B'mod ġenerali dwar l-andament tal-proċeduri li ttieħdu fil-konfront tar-rikorrent, din il-Qorti tibda biex tinnota dan li ġej:

1. Bejn l-ewwel seduta li kienet fl-10 t'Ottubru 2006 u dik tat-8 ta' Mejju 2009 kien hemm numru ta' seduti, bil-parti kbira minnhom jiġu differiti mingħajr ma nstemgħu ebda xhieda. Id-differimenti li ngħataw fil-maġġor parti tagħhom għal raġunijiet li ma kienux imputabbli lir-rikorrent. Fis-seduta tal-28 ta' Mejju 2009, il-kawża tħalliet <u>għall-aħħar provi tal-prosekuzzjoni</u> (a' fol 749 tal-proċess kriminali a' fol 740). B'dana kollu li l-prosekuzzjoni ħadet tlett snin u nofs biex tressaq tużżana xhieda.

2. Il-provi tad-difiża bdew fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2010. Fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2012 id-difiża għalqu l-provi tagħhom (a' fol 910). Iġifieri d-difiża ħadet ftit aktar minn sena u nofs. Kien hemm bosta seduti fl-istadju tal-provi tad-difiża li ġew differiti għal raġunijiet li ma humiex imputabbli għar-rikorrent, li kważi dejjem attenda għal kull seduta. Qatt ma inħareġ xi mandat ta' arrest għaliex ir-rikorrent minkejja notifikat baqa' ma deherx. U f'dik is-seduta tħalliet għat-12 ta' April 2012 għas-Sentenza. F'dik id-data is-sentenza ma ingħatatx.

3. Fil-5 ta' Diċembru 2012 il-Kawża ġiet deċiża fil-konfront taż-żewġ ko-imputati l-oħra, fil-waqt fil-konfront tar-rikorrent ġiet differita mingħajr skop għat-12 ta' Marzu 2013.

4. L-Avukat Ġenerali appella mis-Sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-5 ta' Diċembru 2015 iżda fis-seduta tat-28 ta' Frar 2014 ċeda l-appell fil-konfront tar-rikorrent peress li proċeduri fil-konfront tiegħu kienu għadhom għaddejjin quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fir-rigward biss tad-deheb li kien instab fid-dar tiegħu (ara a' fol 1034 tal-proċess kriminali). Fl-istess seduta l-appell tħalla għas-Sentenza għall-14 ta' Mejju 2014. Fl-14 ta' Ġunju 2018 l-appell reġa' tħalla għas-Sentenza. Sakemm ingħatat Sentenza fil-konfront tal-ko-imputati fil-25 ta' Ottubru 2018 u ċioe' kważi ben erbgħa snin minn meta tħalla l-ewwel darba għas-Sentenza. Nel frattemp il-proċeduri fil-konfront tar-rikorrent baqgħu konġelati minħabba appell li stricto iure lilu ma kienx jinteressah.

5. Is-Sentenza ngħatat fil-konfront tar-rikorrent fl-14 ta' Jannar 2019 u ġie lliberat minn kull akkuża. L-Avukat Ġenerali għamel appell minn din is-Sentenza. Fl-4 ta' Ġunju 2019 l-Avukat Ġenerali talab differiment u fl-14 ta' Jannar talab 2020 differiment ieħor biex jirregola ruħu. B'dana kollu fl-1 ta' Settembru 2020 il-Qorti tal-Appell Kriminali tat is-Sentenza li biha ċaħdet l-appell tal-Avukat Ġenerali fil-waqt li kkonfermat is-sentenza fuq imsemmija fejn ir-rikorrent ġie illiberat.

**46.** Il-Qorti ser tittratta l-kwistjoni billi l-ewwel tħares x'ġara fl-ewwel stadju u x'seħħ fl-aħħar stadju tal-iter tal-proċeduri kriminali.

**47.** Il-Pulizija bagħtu għar-rikorrent l-ewwel darba fit-23 ta' Mejju 2001 biex jinterrogawh. Fl-2003 ħareġ bil-penzjoni. Ġie notifikat formalment bil-proċeduri Kriminali f'Mejju 2006. (ara affidavit tar-rikorrent a' fol 26 u 27).

**48.** F'dan ir-rigward l-awturi josservaw fuq skorta ta' prassi stabbilita mill-ECHR li "*The purpose of 'reasonable time' guarantee, which applies to both criminal and non-criminal cases, is to protect 'all parties to the proceedings ….. against excessive procedures; delays' and 'underlines the importance of rendering justice without delays which might jeopardize its effectiveness and credibility'. In Criminal cases, it is also 'designed to avoid that a person charged should remain to long in a sate of uncertainty about his fate. In Criminal cases, the reasonable time guarantee, runs from the moment that an accused is subject to a 'charge' by which is meant 'substantially effected by it'.*" (Ara **Harris, O.Boyle and Warbrick, Law of the European Convention of Human Rights, 4th Ed. pag 441** u ara ukoll **Stogmuller -vs- Austria 1969, Wenhoff -vs- Germany 1968 u H -vs- France 1989**).

**49.** F'dan il-kuntest intqal ukoll hekk:

"*With respect to criminal cases, the Court has held that as the beginning of the relevant period must be taken the moment at which a 'a criminal*

*charge' is brought since it is only from that moment that the determination of a criminal charge can be involved. However, the rationale mentioned above implies that the period may not in all cases begin at the moment at which the person in question is officially indicted. Even before that he may have realised that he is suspected of a criminal offence so that from that moment he has an interest in that a decision about this suspicion be made bt the Court. This is quite evident in those cases when an arrest precedes the moment of the formal charge. It is, therefore important here as well that in the Strasbourg caselaw an autonomous meaning is assigned to the concept of 'charge', the starting point being that a substantive and not a formal concept of 'charge' must be used because of the great importance that the principle of fair trial has for a democtaric society."* (Ara **Theory And Practice of The European Convention on Human Rights, Van Djik - Van Hoof, 2nd Ed, Pg329** u ara ukoll **Wemhoff** supra).

**50.** Propju fid-dawl ta' dan it-tagħlim u Sentenzi, din il-Qorti ma tistax ma tosservax, li minn meta l-Pulizija bagħtu għar-rikorrent u ħadulu stqarrija sakemm dan ġie akkużat formalment bl-akkuża u tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati għaddew ben **ħames snin.** Meta tressaq kien laħaq ħareġ bil-pensjoni.

**51.** Mhux qed nitkellmu fuq ħames ġimgħat jew xhur iżda snin. Ir-rikorrent jixhed li mis-sena 2001 sas-sena 2020 sakemm ingħatat is-sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn ġie liberat, ħajtu waqfet.

Minħabba f'hekk, b'effett mill-2003 ġew miżmuma parti mill-pensjoni tiegħu, flimkien mal-gratuity. Di fatti sakemm inqatat is-Sentenza tal-Appell Kriminali kienu akkumulawlu €40,373.64 tas-Servizzi Soċjali u €28,641.50 mingħand it-teżor (Ara dok JM1 u Dok JM2 a' fol 69 u 70).

**52.** L-intimati bħal donnhom jargumentaw, jekk mhux espliċitament b'mod impliċitu, li ai fini ta' żmien, dan jibda jiddekorri minn meta l-persuna tiġi formalment akkużata. Li r-rikorrent tressaq formalment ħames snin wara li bagħtu għalih il-Pulizija jemerġi ċar mill-atti. Ħarsa lejn l-akkuża wieħed faċilment jasal għall-konklużjoni li l-Pulizija ħallew dan iż-żmien kollu jgħaddi tant l-akkuża iġġib id-data ta' Mejju 2006 meta r-rejati li ġew addebitati bihom seħħew f'Mejju 2001.

**53.** Għal din il-Qorti huwa manifestament ċar, li dan il-perjodu ta' inattivita' minn naħa tal-Pulizija għandu jitqies li kkontribwixxa għal aktar dewmien. Ma hux il-każ li wara li bagħtu għalih, l-Pulizija nfurmaw lir-rikorrent li mhux ser jittieħdu passi kontra tiegħu. Anzi kien jidher ċar, li kienu ser isiru l-proċeduri, tant li fil-2003 inżammet il-penzjoni tar-rikorrent, indikazzjoni ċara li l-biċċa ma kienitx waqfet hemm.

**54.** L-anqas ma għandu ikun hemm dubbju li huwa minn awl id-dinja li r-rikorrent bir-raġun kollu kien milqut minn dan il-perjodu għaliex tħalla f'sospensjoni inanimata mingħajr ma seta' jkun jaf x'kien id-destin tiegħu u kull ma seta' jagħmel li jistenna b'ansjeta' sakemm jitressaq formalment. F'dawn il-proċeduri ma hux qiegħed ikun invokat l-artikolu 8 tal-

Konvenzjoni iżda l-anqas ma din il-Qorti ma tista' tirresisti t-tentazzjoni u li ma tgħidx, tista' tobsor minn x'hiex għaddiet il-familja tiegħu.

**55.** Il-Qorti ma tafx x'kienet ir-raġuni għalfejn il-Pulizija damu daqshekk biex iressqu lir-rikorrent. Imma kienet x'kienet ir-raġuni, anke jekk minħabba volum ta' xogħol, dan huwa żmien li naqqar miż-żmien li ħadu l-proċeduri fil-Qorti, għaliex li kieku għall-grazzja tal-argument tressaq sentejn wara li bagħtu għalih il-Pulizija, ifisser li dawn il-proċeduri x'aktarx ma kienux idumu sal-2020 imma sal-2017.

**56.** Tant biex il-Qorti tagħmilha ċara, bħal ma s-Sentenzi ma jesonerawx lill-Qrati li jdumu minħabba tagħbija żejda ta' Kawżi, hekk ukoll jgħodd dan l-argument għall-Pulizija fl-investigazzjonijiet tagħhom u dewmien biex iressqu lis-suspettati. Huwa l-obbligu tal-Istat *quid unum* li jipprovdi għar-riżorsi kollha biex dan ma jiġrix (Ara **Unión Alimentaria Sanders S.A. v. Spain § 40**). Di fatti irid ukoll jingħad li propju minħabba dan id-dewmien, ir-rikorrent flimkien il-komputati l-oħrajn, ironikament irnexxilu ukoll isostni l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

**57.** Dan ifisser, li kieku l-istorja tar-rikorrent kellha tieqaf hawn, ukoll kien ikun hemm lok li jintlaqgħu t-talbiet tiegħu. Pero' dan ma kienx kollox. Kien hemm ukoll il-froġa proċedurali, li b'kawża tagħha r-rikorrent kellu l-proċeduri fil-konfront tiegħu kongelati għal ben erbgħa snin. Dan ġara meta l-Avukat Ġenerali appella minn deċiżjoni tal-5 ta' Diċembru 2015 li biha ġew illiberati il-koakkużati l-oħrajn. Ġara li l-appell sar ukoll fil-konfront tar-rikorrent meta fil-verita' il-proċeduri kontra tiegħu quddiem

il-Qorti tal-Maġistrati kienu għadhom pendenti fir-rigward ta' akkuża waħda, dwar deheb li instab fid-dar tiegħu. Fir-rigward tal-akkużi l-oħrajn dawn ġew dikjarati li ġew eżawriti.

**58.** Fil-kors ta' dan l-Appell l-Avukat Ġenerali ntebaħ li kien daħal fi sqaq proċedurali sa fejn jirrigwarda lir-rikorrent u għalhekk irtira l-appell fil-konfront tiegħu biss (ara a' fol 1034 tal-proċess kriminali). L-appell tal-ko-akkużati l-oħrajn dam ben erbgħa snin biex ikun deċiż, b'sensiela ta' differimenti biex tingħata s-Sentenza. Nel frattemp il-proċeduri tar-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Maġistrati waqfu għal kollox u waqgħu fil-friża, jistennew eżitu ta' appell li lir-rikorrent ma kienx jinteressah. Li ma tistax tifhem din il-Qorti hu għaliex ma intalbitx is-separazzjoni tal-ġudizzju mill-prosekuzzjoni biex b'hekk il-proċeduri fil-konfront tar-rikorrent, partikularment meta kien jidher li l-appell tal-oħrajn kien qiegħed dejjem jiġi differit għas-Sentenza, seduta wara seduta sakemm ingħatat Sentenza fil-25 ta' Ottubru 2018.

**59.** Dan ifisser li anke wara li ma ġie imressaq formalment, ir-rikorrent kellu erbgħa snin oħra imnaqqra fil-proċeduri tiegħu. Possibilment, kieku dawn il-proċeduri baqgħu għaddejjin minkejja l-Appell tal-oħrajn, iż-żmien tiegħu biex ikun jista' jiġi deċiż id-dewmien kien jonqos sostanzjalment.

**60.** L-intimati jsostnu li d-dewmien kien frott il-kumplessita' tal-każ. Pero' kif rajna, dan ma huwiex minnu, għaliex il-parti kbira tad-dewmien kien dovut minħabba nuqqasijiet ċari fil-mod sa mill-bidu nett tiegħu ġie amministrat il-każ. Di fatti, apparti dak diġa' rilevat, kien hemm numru ta'

differimenti li r-raġunijiet tagħhom ma kienux attribwibbli għar-rikorrent. Veru li kien hemm xi drabi differimenti mitluba, minnu bħal meta l-avukat tiegħu ma setax jattendi, iżda l-maġġior parti tad-differmenti huma dovuti għall-assenza tal-prosekutur mingħajr raġuni, tant li f'żewġ okkażjonijiet il-Qorti talbitu jagħti spjega b'nota tal-assenza tiegħu. Apparti dan kien hemm fejn ma tressqux xhieda, issa għal ħaġa u issa għal oħra, u anke drabi minħabba indisposizzjoni tal-Qorti.

**61.** L-anqas ma din il-Qorti sabet li l-każ kien jimporta xi kumplessita' partikolari minkejja li ġew addebitati disgħa akkużi. Għall-kuntrarju, din il-Qorti temmen, li li kieku l-każ ġie amministrat tajjeb b'dik iċ-ċelerita' ordinarja, żgur li dawn il-proċeduri ma kienux idumu daqshekk minn meta bagħtu għar-rikorrent il-Pulizija sakemm kien hemm Sentenza definittiva. Qed nitkellmu dwar 19-il sena, li huwa perjodu li fih jitwieled bniedem, jitrabba' u jsir adult. Dawn id-differimenti flimkien ma' dak li ngħad aktar 'l fuq, żgur ma jammontawx għal żmien raġjonevoli li jiskuża dan id-dewmien.

**62.** Kwantu għall-intimati l-oħrajn, il-Qorti hija tal-fehma li ma humiex il-leġittimi kontradditturi u li għalhekk kienet ħaġa tajba li ġie kjamat fil-proċeduri l-Avukat tal-Istat. F'dawn il-proċeduri mhux wisq importanti kemm intimati ser jinsabu responsabbli iżda li l-Istat ikun rappresentat, għaliex finalment huwa li jrid iwieġeb għan-nuqqas mir-ramifikazzjonijiet

dipartimentali tiegħu. Di piu' huwa importanti ukoll, li l-leġittimu kontradittur ikun jista' ukoll jagħti rimedju għall-ksur.

**63.** L-artikolu 181B(2) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jagħmilha ċara li "*L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern".* Dak li għandha quddiemha din il-Qorti huwa ksur ta' drittijiet tal-Bniedem imwettqa minn setturi pubbliċi li jwieġeb għalihom l-Istat.

**64.** Din il-Qorti tħoss li r-rikorrent ġie imċaħħad mis-somma totali ta' sitta u disgħin elf ewro (€69,000) għal ben 17-il sena mill-2003. Ovvjament il-fatt li dawn il-flejjes ma ingħatawx fi żmienhom ifisser ukoll, li sakemm għaddew 17-il sena minn fuqhom sakemm tħallsu ma jistax ikun li l-valur tagħhom ma tnaqqarx ukoll mill-inflazzjoni sa meta ġiet deċiża l-kawża tar-rikorrent finalment fl-2020. Għalhekk biex tagħmel tajjeb għal din l-erożjoni inflazzjonarja f'dawn is-sommom, il-Qorti tħoss li jkun xieraq li tillikwida kumpens pekunjarju fl-ammont ta' tmint elef ewro (€8,000) li fiċ-ċirkostanzi hija ċifra konservattiva. Kwantu għal danni non-pekunjarji il-Qorti tħoss li minħabba dak li għadda minnu r-rikorrent, is-somma ta' sebgħat elef ewro (€7000) għandha tkun ġustifikata.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi dan ir-rikors bil-mod segwenti:

Tillibera mill-osservanza tal-ġudizzju lill-intimati ħlief għall-Avukat tal-Istat.

**Tilqa' l-ewwel talba** pero' tenut kont tal-liberazzjoni appena imsemmija.

**Tilqa' it-tieni talba** rikorrenti limitatament għall-Avukat tal-Istat.

**Tilqa' it-tielet talba** u tillikwida l-ammont ta' tmient elef ewro (€8,000) rappresentanti danni materjali u kwantu għal sebgħat elef ewro (€7000) danni non-pekunjarji.

**Tilqa' ir-raba' talba** u tikkundanna lill-Avukat tal-Istat iħallas lir-rikorrent l-ammonti kollha likwidati bl-imgħaxijiet legali mill-presenti sal-pagament effettiv.

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-**ħames talba rikorrenti** fid-dawl tal-kumpens fuq imsemmi.

Spejjes tar-rikorrent għall-Avukat tal-Istat mentri dawk tal-intimati l-oħra għar-rikorrent.

**Imħallef Toni Abela** **Deputat Reġistratur**